KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 468 (9-11)

It-Tnejn 17 ta' Frar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**468.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**468.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**468.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 466 u 467. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**468.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

467.1 Il-Kunsillier Albert Pace irrefera għal Minuti it-tielet paragrafu. Hu xtaq jiċċara l-pożizzjoni tiegħu li la hemm proċeduri legali, la qatt ġie sospiż mill-ebda xogħol jew pożizzjoni u li l-informazzjoni fuq il-midja fir-rigward tiegħu kienet infondata u mhux veritjiera. Hu qal li fil-fatt meta l-midja kienu ġew ikkuntattjati li ser jittieħdu passi legali, l-istorja kienet waqfet. Hu qal li dak iż-żmien l-istorja fuq il-midja kienet 'pushed'. Il-Kunsillier Pace talab li jkollu kopja ta' korrispondenza relatata mal-każ u l-Minuti 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li d-dokumentazzjoni kollha relatata tinsab fil-file LCS9/21.

**468.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**468.3.1** Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2025 – Finanzjament

Is-Sindku qal li saret talba lill-MTA għal għajnuna finanzjarja għal din l-attivita'. Huwa informa li l-MTA ser tagħti kontribuzzjoni ta' €5000, u tgħin fil-promozzjoni.

Is-Sindku qal li kif infurmati wkoll, il-Kunsill applika għall-għajnuna ta' €10,000 mir-Reġjun Punent għall-istess attivita'.

**468.3.2** Is-Sindku informa li rċieva ittra mill-fornitur tal-cilindri tal-gas li jopera minn Triq Karmenu Bonello, fejn qed jgħid li l-Pulizija ordnawlu li jersaq minħabba li kien qed jiġi ikkawżat periklu lil min joħroġ minn din it-triq għal Triq is-Siġġiewi. Hu qal li dan l-aħħar qiegħed jarma in-naħa l-oħra tat-triq, fi Triq Mons Mikiel Azzopardi. Hu qal li id-distributur qed jitlob li jkollu post fiss u għemeż ittra mill-kumpanija tal-operatur stess. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'huwhiex l-entita' regulatorja u għalhekk jekk hemm xi konċessjonijiet simili għad-distributuri tal-gas, għandu japplika dirett ma' Transport Malta, u b'konsultazjoni mal-Kunsill rigward is-sit.

**468.3.3** Applikazzjoni Lattrina tal-Pjazza

Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill qed jaħdem fuq l-applikazzjoni għall-proġett tal-lattrina fi Pjazza San Nikola biex tiġi sottomessa mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Albert Pace issuġġerixxa li mal-applikazzjoni tiġi inkluża bus shelter. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**468.3.4** Proposta tat-traffiku Triq Blat il-Qamar

Is-Sindku preżenta l-pjanta bir-rotta proposta kif diġà diskussa, biex tintbagħat lill-Transport Malta għall-approvazzoni, ħalli mbad tkun tista' tiġi implimentata malli jitlesta x-xogħol minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill unanimament approva.

**468.3.5** Rapporti fil-Playing Field Nalizpelra

Is-Sindku qal li qed jidħlu diversi rapporti dwar inċidenti minn tfal adolexxenti li qed jilagħbu goff fil-bandli fejn weġġgħu xi tfal żgħar u anka jagħmlu ħsara u jdejqu residenti. Kien hemm inċidenti fejn anka kellmuhom ġenituri u għamlu għalihom. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni ġiet mitkellma mas-Supretendent tal-Pulizija f'laqgħa dalgħodu stess, fejn intalbu rondi iktar frekwenti. Il-Kunsillier Albert Pace talab li

jitwaħħlu tabelli biex ma jsirx logħob tal-ballun, roti u scooters fil-playing field, u ssuġġerixxa li l-playing field jingħalaq mal-lejl. Issuġġerixxa wkoll tabelli bl-eta' mal-gates tas-sessjonijiet differenti tal-bandli. Il-Kunsill qabel li jkun hemm tabelli biex ikun jista' jiġi kkontrollat dan l-abbuż.

**468.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**468.5 Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**468.5.1** Il-Viċi Sindku qal li nhar il-Ħadd li ġej ser issir l-ewwel ħarġa kulturali, bi żjara fiċ-Ċentru tal-Kultura Micas. Hu qal li l-manutenzjoni tal-istatwa ta' San Pawl miexi kif pjanat u l-inawgurazzjoni ser issir fl-ewwel jiem ta' Marzu. Informa li r-Reġjun qed jinġbru informazzjoni fuq in-niċeċ fil-lokalitajiet għall-ktejjeb informattiv. Qed tinġabar ukoll lista ta' patrimonju li għandu bżonn intervent ta' restawr fejn identifika lista' fosthom il-Kappella Taċ-Ċwerra, tal-Karmnu fil-Fawwara, tal-Providenza, il-Knisja l-Qadima, ta' Ħal Xluq u l-Mitħna ta' Kirċippu.

**468.5.2** Il-Viċi Sindku qal li laqqa' is-sotto kumitat tat-turiżmu fejn ġew diskussi tabelli storiċi, hiking trails u qed isir koordinament għall-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi, mas-Sindku u mal-Kunsillieri Dominic Grech.

**468.5.3** Il-Kunsillier Francine Farrugia talbet biex il-BELC ikunu aġġornati fuq il-proġetti Erasmus li qed jieħu sehem fihom il-Kunsill. Hi qalet li qed taħdem biex terġa ssir il-mixja bil-klieb. Proponiet li jiġu mistednin it-tfal tal-Kunsill tat-tfal biex jattendu għal Seduta tal-Kunsill u jagħmlu preżentazzjoni tax-xogħol li qed jaħdmu fuqu, anka ikunu preżenti it-tfal tal-Ekoskola. Il-Kunsilliera Farrugia staqsiet dwar il-vouchers mill-Aġenzija tal-Litteriżmu għal min jieħu ħsieb il-librerija miftuħa ta' Ġnien Citta' Ferdinand. Qalet ukoll li għandna numru ta' kotba biex jiġu preżentati lill-librerija. Il-Kunsilliera semmiet każ partikolari ta' ħarsien ta' annimali li talbet l-għajnuna ta' diversi awtoritajiet iżda ma nstabx sapport.

**468.5.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li komplejna bix-xogħol ta' tindif, fejn qed isegwi mill-qrib lill-kuntratturi kemm tal-urban u anka tar-rurali. Hu qal li l-Clean-up li jmiss hija għal 5 t'April fejn jixtieq jinvolvi l-għaqdiet u titnaddaf iż-żona barra l-grawnd tal-futbol. Qal li f'Marzu ser issir tindifa tat-Triq ta' Bur il-Kbir bi preżenza ta' uffiċjali minħabba sigurta' u wara jibda it-tindif bi preparazzjoni għall-Mixgħela. Il-Kunsillier Vassallo qal li qed isegwi wkoll mal-awtoritajiet rimi ta' skart illegali fejn ġew installati ic-cctvs, u mar-Reġjun dwar xi modifiċi tal-cameras installati minnhom fosthom dik ta' Ramija. Fid-dekasteru tas-Saħħa, il-Kunsillier Vassallo qal li f'Marzu ser ikollna il-mobile dental unit u il-Bank tal-Għoti tad-Demm. Huwa qal li flimkien mal-amministrazjoni qed naraw xi skemi finanzjarji hemm fejn jirrigwarda tindif.

**468.5.5** Il-Kunsillier Albert Pace informa li qed issir applikazzjoni mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet biex jiġi rranġat il-moll, l-blat u x-xibka f'Għar Lapsi. Hu qal li d-dwal tal-parkeġġ ġie rranġat anka ta' ħdejn l-għassa, u l-parati mkissra ġew irrapurtati biex jinbidlu. Hu qal li qiegħed f'diskussjoni mad-Dipartiment tat-Turiżmu għal riġenerazzjoni tal-bajja, kif ukoll il-parti tal-belvedere mill-bajja sar-reverse osmosis. Hu semma wkoll biex jerġa jingħalaq il-garaxx li hemm fil-bajja li infetaħ bil-maltemp. Huwa talab li jiġi rranġat it-timer tad-dawl tal-lattrina u saqsa meta ser jagħlaq it-tender tal-lattrini u li hemm bżonn li l-ħinijiet tal-ftuħ speċjalment fis-sajf jiġu estiżi. Ġie ssuġġerita li jinżebgħu vleġeġ (road markings) indikativi fil-parkeġġ għal iktar koordinazzjoni tal-vetturi.

**468.5.6** Il-Kunsilllier Christopher Farrugia qal li qed jikkoordina attivita' sportiva, Futbol Tournament under 13, mar-Reġjun Punent. Il-finanzjament għal din l-attivita' huwa €1000. Din ser issir fil-Kumpless Sportiv John Debattista s-Siġġiewi, bil-parteċipazzjoni ta' klabbs tal-futbol ta' lokalitajiet oħra fir-Reġjun. Ser ikun hemm żona ta' divertiment għat-tfal bil-bouncy castle u crafts tal-karnival. Ser tieħu sehem ukoll il-Banda san Nikola. Il-Kunsillier Farrugia qal li beda jikkordina għall-avveniment sportiv tal-Combat għal 25 t'April. Is-Sindku staqsa jekk hux diġà tkellem mar-Reġjun Punent dwar finanzjament u jekk hemmx xi committment. Il-Kunsillier Farrugia qal li qed isir komunikazzjoni mal-MTA, u mal-Organizzazjoni tal-Għaqdiet Volontarji għall-għajnuna iżda ma kien hemm l-ebda risposta pożittiva.

**468.6** **Aġġornament - Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**468.6.1** Xogħol f'Ramija
Is-Sindku inform li x-xogħol mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet fil-wesa' tal-garaxxijiet ta' Ramija miexi u diġà saret il-bankina u qed tiġi modifikata ir-roundabout biex jiżdiedu numru tal-parkeġġi.

**468.6.2** Xogħol fi Triq Salvu Borg Olivier
Is-Sindku informa li qed tingħalaq l-aħħar fażi tat-triq fejn għaddejjin il-mains tal-Enemalta, biex imbagħad tinkesa fl-asphalt. Qed isir koordinament mad-Dipartiment tal-Ambjent għal numru ta' siġar indiġeni imdaqsin li ser jitħawlu f'Marzu.

**468.6.3** Xogħol fi Triq Blat il-Qamar minn Infrastructure Malta
Is-Sindku qal li ġie kkonfermat ma' Infrastructure Malta li wara li jitlesta x-xogħol ta' Triq Salvu Borg Olivier ikun imiss din it-triq, inkluż il-bankini. Hu qal li qed issir talba biex parti żgħira fejn tidjieq u hija propjeta tal-gvern tkun tista' titwessa għal aċċess aħjar u titkompla l-bankina.

**468.6.4** Crash barrier Ta' Bellula
Is-Sindku informa li l-crash barrier fit-telgħa tal-barriera ta' Bellula max-Xagħra ta' Lapsi twaħħlet iżda jonqos biċċa żgħir li ser tkun qed tingħalaq it-triq għal nofs ta' nhar sakemm isir ix-xogħol. Din hi provediment għas-sigurta' tar-residenti u anka bdiewa li jużaw it-trejqa. Issa li hemm il-crash barrier is-servizz tal-ġbir tal-iskart qed jingħata mill-kuntrattur u allura s-servizz żejjed li kien qed iħallas il-Kunsill għalih twaqqaf.

**468.6.5** Reading Garden
Is-Sindku informa li qed issir koordinazzjoni biex ikun jista' jinbeda il-proċess. Hu qal li minn informazzjoni diġa ħareġ it-tender għax-xogħolijiet.

**468.6.6** Xogħolijiet oħra mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet
Is-Sindku qal li issa l-Ġnien ta' Ramija tlesta u skond il-ftehim ġie f'idejn il-Kunsill Lokali. Hu qal li hemm xi modifiċi żgħar fil-permess tal-PA li għadhom pendenti.

**468.6.7** Is-Sindku qal li qed isegwi x-xogħolijiet tal-bankina fi Triq il-Wied fejn kien hemm waqfien minħabba li nbidel il-kuntrattur, iżda x-xogħol issa qed jitkompla fi Triq il-Wied, Triq Papa Pawlu u parti minn Triq Dun Manwel Zammit.

**468.6.8** Is-Sindku informa li x-xogħol fil-lattrina tal-Girgenti miexi minn diversi taqsimiet tad-Dipartiment, fejn s'issa inbidlet is-sistema tal-plumbing u s-sistema elettrika u jmiss li jitwaħħal il-madum u l-fajjenza. Għaddej xogħol fuq l-aperturi tal-injam.

**468.6.9** Is-Sindku informa li x-xogħol infrastrutturali fuq iz-zebra crossings fi Triq Dun Manwel Zammit huwa lest. Il-ġimgħa d-dieħla issir iż-żebgħa u t-tabelli. Fil-ġimgħat li ġejjin ser jitkompla xogħol ieħor fl-istess triq.

**468.6.10** Is-Sindku informa li tlesta il-patching estensiv fi Triq Ġużeppi Busuttil biex ikun hemm aċċessibilta' għall-garaxxijiet.

**468.6.11** Is-Sindku informa li qed issir il-koordinazzjoni mal-kuntrattur biex jibda x-xogħol tal-konok fi Triq Blat il-Qamar taħt l-iskema finanzjarja. Qed jinġiebu wkoll stimi għas-siġar, u tisqija.

**468.7** **Fondi LESA - Proġetti fil-Komunita'**

**468.7.1** Is-Sindku rrefera għal Minuti 466.6.1. Hu qal li saret applikazzjoni mal-LESA sabiex il-fondi kif kienu approvati għar-Reading Garden jintużaw għal proġett ta' riġenerazzjoni ta' Triq Dun Manwel Zammit. Dan ikun jinkludi iz-zebra crossings, senjaletika u marki tat-traffiku għal iktar sigurta', tiswija ta' biċċiet bill-bankina. tindif u tħawwil ta' siġar fil-parti parallela mat-triq li bħalissa qed tintuża bħala miżbla, u bdil u żieda ta' għamara tat-triq. Hu qal li din l-applikazzjoni ġiet approvata u għalhekk il-fondi ser jintużaw għal dan il-proġett li għandu jitlesta sa Ġunju.

**468.8** **Proġett Vjal Kulħadd (IM)**

**468.8.1** Is-Sindku informa li wara laqgħa ma' Infrastructure Malta fejn kienu preżenti il-periti inkarigati mill-proġett ġie diskuss l-andament tax-xogħol, u kif il-proġett ikun jista jinkorpora ġibjuni għall-ġbir tal-ilma tax-xita anka peress li hemmhekk jakkumula l-ammont ta' ilma, u dan ikun jista' jintuża għat-tisqija. Ġie diskuss ukoll ix-xogħol ta' trinkar tal-Enemalta li jrid jgħaddi mill-istess triq ħalli jkun hemm koordinament mal-korporazzjoni.

**468.9** **Jum is-Siġġiewi u Onorefiċenza 2025**

**468.9.1** Is-Sindku qal li l-preparamenti tal-programm ta' Jum is-Siġġiewi għaddejjin tajjeb b'koordinament mal-Viċi Sindku qed jitħejja l-proġramm tas-Serata tat-8 ta' Marzu 2025.

Is-Sindku elenka il-proġramm:

fl-1 ta' Marzu 2025
Attivita' sportiva mar-Reġjun Punent – Tournament tal-Futbol fil-Kumpless Sportiv fid-9.00am
Attivita' tal-Karnival fil-Pjazza fit-3.00pm

Fit-2 ta' Marzu 2025
Quddiesa ta' ringrazjament fil-Knisja Arċipretali fid-9.30am

Fit-8 ta' Marzu 2025
Serata Onorefiċenza taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta fis-6.30pm

Fil-15 ta' Marzu 2025
Attivita' għaż-żgħażagħ koordinata minn JEF 'EU on Wheels' fiċ-ċentru ċiviku fid-9.30am

Fit-22 ta' Marzu 2025
Attivita' ambjentali fi Triq Salvu Borg Olivier fid-9.30am

Fis-27 u 28 ta' Marzu 2025
Ftuħ tal-Proġett CERV u kunċert 'Melodies of Friendship' fil-Knisja Parrokjali fis-7.00pm

Is-Sindku qal li l-pubbliku huwa mistieden għal dawn l-attivitajiet u ser jitqassmu fuljetti bil-programm f'kull dar.

Is-Sindku propona li jingħata rikonoxximent għall-ħidma kontinwa tagħhom lill-7R Lifestyle Malta. Hu qal li dawn il-grupp ta' nies, ta' kull ġimgħa b'mod volontarju, inaddfu iż-żona ta' Għar Lapsi. Il-Kunsillier Albert Pace issekonda. Kien hemm qbil unanimu li s-7R jiġu rikonoxxuti.

Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li jixtieq iressaq nomina għal unur għas-sens ċiviku lis-Sur Beppe Farrugia. Is-Sindku qal li l-proċess għal din is-sena huwa magħluq u propona li jitressaq għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill unanimament qabel.

**468.10** **Tenders**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

**468.10.1** Tender PV Panels
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender LCS 48/24 *Supply And Installation Of Pv Panels And Batteries At The Siggiewi Local Council Office Using Environmentally Friendly Products* qed jiġi evalwat. Hija qalet li l-Inġineer mill-Water and Energy Agency bagħtet diversi kjarifiki li ġew mibgħuta lill-offerenti.

**468.10.2** Tender Xogħolijiet Infrastrutturali
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm bżonn jinħareġ tender għall-diversi xogħolijiet infrastrutturali. Dan ikun minflok kuntratti separati ta' patching, bankini u oħrajn kif hemm bħalissa, u jkun kollox miġbur f'kuntratt wieħed u jinkludi boq dettalja b'li jista' jkun hemm bżonn. Is-Sindku qal li dan it-tender ikun ibbażat fuq tenders simili tal-awtoritajiet. Il-Kunsill unanimament qabel li jinbeda l-proċess biex jinħareġ it-tender.

**468.10.3** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tender tal-lattrini qiegħed ippublikat u jagħlaq fl-20 ta' Marzu 2025.

**468.11** **Segwitu tal-Laqgħa Pubblika**

Is-Sindku informa li dalgħodu saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija fejn ġiet diskussa is-sitwazzjoni tal-Pjazza. Is-Sindku qal li sal-ġimgħa d-dieħla jkunu imwaħla it-tabelli 'Parking between the lines' u jitlestew il-flyers ta' twissija li ser jingħataw lill-pulizija biex jitpoġġew mal-vetturi li jipparkjaw fin-nofs għal ċertu żmien fejn imbgħad jidħol fis-seħħ l-infurzar. B'dan ser jiġu infurmati wkoll il-LESA u jitla' avviż fuq il-midja soċjali.

Il-Kunsillier Albert Pace saqsa dwar l-idea tal-parkeġġ tul il-bypass fuq il-parti tal-wied fejn hemm il-bankina baxxa. Is-Sindku qal li din hija suġġett ta' approvazzjoni minn Transport Malta.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ssuġġeriet li ssir tabella biex tingħata prijorita fil-parti d-dejqa biex tinżel minn Pjazza San Nikola għal Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra.

**468.12** **Skema finanzjarja Reġjun Punent – Attivita' Kulturali**

**468.12.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Nofsinhar ta' €10,000 u ammont addizjonali ta' €3,000 għall-attivitajiet kulturali. Is-Sindku propona li dawn jintużaw għall-Mixgħela li tiswa' madwar €30,000. Hu qal li l-kunsill qed jistħarreġ opportunitajiet ta' għajnuna finanzjarja minn diversi sorsi għal din l-attivita'. Hu qal li possibilment l-ammont addizjonali jintuża għal din l-attivita' wkoll, dejjem jekk ir-Reġjun jaċċetta, filkaż jintuża għal attivitajiet oħra tul is-sena. Il-Kunsill unanimament approva.

**Tkomplija tal-laqgħa wara 3 sigħat**
Peress li kienu għaddew 3 sigħat tal-laqgħa kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.

**468.13 Skemi finanzjarji DGL:**

**468.13.1 SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2025)**

Is-Sindku ressaq skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026. Hu propona li l-Kunsill japplika għal Festa Għeneb li ser issir fit-13 ta' Settembru. Hu qal li l-iskeda tkopri l-85% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta'€20,000 u l-Kunsill joħroġ il-kontribut ta' 15%. Il-Kunsill unanimament qabel.

**468.13.2 SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 22 ta' April 2025);**

Is-Sindku ressaq din l-iskema li tiffinanzja massimu ta' €1500 għal attivita' ta' tindif bejn l-1 ta' settembru u t-30 ta' Settembru fl-okkazjoni tal-Clean up the world day. Hu qal li għalkemm il-Kunsill jorganizza clean-ups regolari grazzi għall-koordinazzjoni tal-Kunsillier Charles Vassallo, dan il-finanzjament jgħinna nagħmlu tindif intensiv ta' terrapien u skart ieħor. Is-Sindku propona li napplikaw għal din l-iskema u talab lill-Kunsillier Vassallo jikkoordina data f'Settembru. Il-Kunsill unanimament qabel.

**468.13.3 SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2025).**

Is-Sindku ressaq din l-iskema li tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attivita' sa massimu ta' €15,000 (inluża l-VAT), bil-15% jitħallsu mill-Kunsill Lokali. Hu propona li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni għall-attivita' 'Villaġġ ta' Nikola' proposta għat-13 ta' Diċembru. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**468.14 Ġemellaġġ ma' Noto l-Italja**

**468.14.1** Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għall-ġemellaġġ bejn il-lokalita' tas-Siġġiewi u l-belt ta' Noto skont Artiklu 5(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.141 – regolamenti dwar Gvern Lokali (Ġemellaġġi), ġiet approvata mill-Ministeru Għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali. Huwa talab lis-Segretaru Eżekuttiv tikkomunika uffiċjalment lill-Kunsill ta' Noto biex jibdew l-arranġamenti meħtieġa biex isir l-iffirmar. L-aħjar żmien huwa għal Mejju meta tiġi ċċelebrata l-Infjorata f' Noto.

**468.15 Assikurazzjoni Grupp personal Accident AKL**

**468.15.1** Is-Sindku talabl lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Hija rreferiet għal Ċirkulari AKL 2025/006 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar kopertura ta' Personal Accident Policy għall-kunsillier u l-istaff għall-ammont ta' €30 kull persuna. Din topri kemm Malta kif ukoll barra (Worldwide). Is-Sindku propona li l-Kunsill ikun kopert kif indikat. Kien hemm qbil unanimu.

**468.16 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**468.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**468.16.2** Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar applikazzjoni PA/07799/24
*Site at, San Niklaw c/w Triq il-Mitjar ta' San Niklaw c/w, Triq il-Panorama, Siggiewi*
*To regenerate an unused site into a green space incorporating new trees and shrubs, accessible pathways, gardening allotments, an amenity block and two underlying reservoirs*. Is-Sindku qal li dan huwa proġett ta' Projects Green.

**468.17** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**468.17.1** Talba mill-Għaqda tan-Nar San Nikola
Is-Sindku preżenta żewġ ittra mill-għaqda tan-nar rigward talba għall-għajnuna biex tittella' l-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Ħal Xluq. Is-Sindku rrefera għal Minuti tas-sena l-oħra item 450.14.6 fejn il-Kunsill kien approva l-ammont ta' €1000 u wkoll fejn il-Kunsill qal li l-post fejn issir, fil-Kappella ta' Ħal Xluq hija barra mir-rotta u kien issuġġerixxa li tersaq lejn il-Pjazza. Madankollu, is-Sindku qal li bħala rotta tat-trasport nistgħu nitkellmu ma' min ser joffri is-servizz. Is-Sindku propona li l-għajnuna finanzjarja tkun daqs tas-sena preċedenti, €1000. Il-Kunsill unanimament qabel. Rigward rotta tat-traffiku, is-Sindku propona li jsiru tabelli temporanji 'one way' ħalli jkun hemm rotta direzzjoni waħda u jiġu provduti barriers biex jgħinu fl-immaniġjar, kif ukoll jitwaħlu sinjali tan-'no parking'. Rigward it-tindif, l-area ser tiġi inkluża fil-pjan ta' ħidma.

**468.17.2** Korrispondenza mingħand WUMA World Malta Headquarters
Is-Sindku preżenta talba għall-għajnuna finanzjarja u fl-organizzazjoni mingħand WUMA għal attivita' Combat fi Pjazza San Nikola f'April fil-parteċipazzjoni ta' atleti internazzjonali ta' din id-dixxiplina. Hu qal li it-talba hija ta' €3250 kif ukoll għajnuna għall-permessi, uffiċjali tas-sigurta' u sapport mediku (ambulanza). Is-Sindku qal li din hija attivita' ta' livell għoli, u s-sena l-oħra sar xi ħaġa simili in-Naxxar bil-għajnuna tar-Reġjun t'hemmhekk. Hu propona li għandha ssir talba għall-koperazzjoni lir-Reġjun u terġa tiġi diskussa.

**468.17.3** Skema ta' tħaddir – projects Green
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza minn projects Green dwar skema ta' tħaddir, fejn qed jitolbu jiġu identifikati siti fejn jistgħu jitħawlu siġar.

**468.17.4** Bini ta' boundary wall – Triq id-Demnuq
Ġiet preżentata korrispondenza minn żviluppaturi fi Triq id-Demnuq fejn qed jitolbu li tinbena bankina temporanja madwar il-binja. Wara diskussjoni ġie maqbul li peress li s-sular ta' isfel issa hu lesti, jista' jitneħħa il-boundary wall eżistenti, u jinħoloq passaġġ pedonali simili għal dak li hemm fi Triq il-Knisja l-Qadima, peress li l-parti tat-triq fejn indikat diġà hija dejqa. Is-Sindku talab li tintbagħat risposta f'dan is-sens.

**468.17.5** Ftehim Siġġiewi Football Club
Is-Sindku informa li qed isir komunikat mal-Avukat tal-Kunsill u anka mal-president tal-football Club biex jiġi finalizzat il-ftehim u jkun jista' jitressaq għall-aġenda tas-Seduta li jmiss.

**468.17.6** Triq il-Qasira – talba għal-linji quddiem il-garaxx
Ġiet preżentata talba minn resident fi Triq il-Qasira biex jinżebgħu linji sofor fil-kantunieri u kaxxa safra quddiem il-garaxx tiegħu stess biex b'hekk ikun jista' jipparkja hu u ma jiħux parkeġġ ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat pjanta u sketch ta' x'qed jintalab. Il-Kunsill unanimament qabel li jinżebgħu il-linji fil-kantunieri u kaxxa safra kif indikat.

**468.17.7** Talba għal bankina fi Triq il-Kbira
Ġiet preżentata korrispondenza għall-proposta ta' bini ta' bankina ġdida ma' binja ġdida fi Triq il-Kbira. Is-Sindku wera sketch tal-bankina kif qed tiġi proposta li ssir mill-individwu stess. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir sakemm ikun hemm il-permessi neċessarji u jiġi kkunsidrat il-wisa' tat-triq biex ma jinħoloqx ostaklu jew periklu.

**468.17.8** Installazzjoni ta' reflective studs fi Triq it-Tiġrija
Ġiet preżentata korrispondenza mingħand Infrastructure Malta għall-installazzjoni ta' studs tul Triq it-Tiġrija kemm fin-naħa li tagħmel mas-Siġġiewi u anka fejn ma' Ħaż-Żebbuġ. Dan biex ikun hemm aktar miżura ta' siġurta' bil-lejl. Is-Sindku qal li din hija inizjattivia pożittiva, u kien hemm qbil għal 'no objection'.

**468.17.9** Applikazzjoni ta' U-Bar fi Triq Patri Ġuże' Delia
Ġiet preżentata risposta minn TM ta' refusal għall-applikazzjoni ta' U-bar fi Triq Patri Ġuże' Delia fuq talba ta' resident li qed iġarrab ħsarat frekwenti minn vetturi jirrivesjaw fuq il-bankina quddiemu, peress li t-triq tagħlaq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li isir appell.

**468.17.10** Proposti ta' ismijiet għal tismija ta' toroq
Ġew preżentati żewġ proposti minn residenti għal tiswija ta' toroq:
Is-Sur George Agius
Dott. Nicholas Vassallo
Ġew preżentati wkoll bijografiji taż-żewġ ismijiet. Il-Kunsill qabel li dawn iż-żewġ proposti jinżammu fir-records tal-Kunsill fl-eventwalita' li tkun trid tissemma triq.

**468.18** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**468.19** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**468.20** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**468.20.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li hemm diversi trinek fi Triq it-Tabib Nikola Zammit li sfrundaw u għandhom bżonn tiswija.

**468.20.2** Il-Kunsillier Francine Farrugia semmiet bozoz li mhux jixgħelu jew jitfu u jixegħlu. Is-Segretarju Eżekuttiv talbitha tindika eżatt liema huma ħalli jiġu rrapurtati.

**468.20.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li kellmuh ġenituri ta' tfal bniet li jmorru l-mużew u ġibdu l-attenzjoni li għal mużew tas-subien fi Triq il-Knisja l-Qadimja jkun hemm uffiċjal. Hu talab il-possibilta' li jkun hemm uffiċjal għal sqaq il-Qajjied ukoll fil-ġranet tal-mużew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-uffiċjal li jiġi fi Triq il-Knisja l-Qadima jiswa lill-Kunsill mal-€5000 fis-sena.

**468.20.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li kellmitu ġenitur dwar il-pożizzjoni tal-blue bay quddiem l-iskola. Wara diskussjoni ġie stabbilit li l-kaxxa eżistenti qegħda fl-aħjar pożizzjoni kif approvata minn TM, kemm peress li qegħda viċin l-entratura tal-iskola u anka li qegħda l-aħħar parkeġġ fit-triq u allura idejali f'każ li jrid jinżel siġġu tar-roti mill-vettura.

**468.21** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 10 ta' Marzu 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |